# KWADRI MPORTANTI FIL-KNISJA PARROKKJALI TAL-GĦARGĦUR

Fil-knisja parrokkjali tagħna nsibu xi wħud mill-kwadri mportanti sew fuq l-artali kif ukoll fis-sagristija kemm ukoll fis-sala ta' fuqha.

Ftit minn dawn il-kwadri huma ta' awturi magħrufa u huma tas-sekli sittax, sbatax, tmintax, dsatax u għoxrin. Kif wieħed jista' jara hemm kwadri qodma ħafna peress li l-parroċċa tagħna hija waħda mill-eqdem u għandha storja bħal parroċċi oħrajn ta' żmienha. Dawn il-kwadri setgħu kienu jew ordnati lill-awtur mill-kappillan jew prokuratur jew inkella setgħu kienu f'xi knejjes żgħar oħra qabel inbniet il-knisja preżenti.

L-ewwel kwadru li nsemmu huwa dak Trittiku fuq l-injam impitter minn Gio Marija Abela, artist tas-seklu sittax. Dan il-kwadru huwa mqassam fi tlieta, fil-parti tan-nofs naraw lil Ġesù Kurċifiss b'San Ġwann u d-Duluri ma' ġenbu, filwaqt li fil-ġnub tal-kwadru naraw lil San Pawl u San Bert. Dan it-Trittiku ġie restawrat żmien ilu u jinsab imdendel fis-sala tal-knisja. X'aktarx li fl-antik setà kien kwadru titulari ta' xi knisja żgħira bikrija.



**L-inkwadru ta' San Nikola ta' Bari**

Fis-sagristija nsibu kwadru mportanti ħafna, pittura fuq it-tila li juri lil San Bert bħala l-figura ċentrali filwaqt li fil-ġnub naraw xi xeni mill-ħajja tiegħu. Dan il-kwadru ġie mpitter minn Gaspare Formica u x'aktarx li setà kien il-kwadru titulari tal-knisja ż-żgħira li kienet teżisti fl-antik. Dan il-kwadru ġie restawrat ftit snin ilu minn Karmenu Said.

Kwadru mportanti huwa dak ta' San Nikola ta' Bari pittura fuq it-tila li juri lil dan il-qaddis liebes ta' isqof jagħmel wieħed mill-mirakli tiegħu. Il-kwadru ġie mpitter ukoll minn Gaspare Formica u kien il-kwadru titulari tal-knisja tiegħu fi Triq San Ġwann. Il-kwadru ġie restawrat minn Alfred Briffa u llum jinsab konservat fis-sala tal-knisja ma' kwadri oħra.

Fuq is-sedji tal-kor fuq kull naħa nsibu żewġ kwadri kbar pittura fuq it-tila li juru t-twelid ta' Ġesù u l-aħħar ċena. Dak tat-twelid naraw bħala figura ċentrali. Il-Bambin imdawwar bid-dija mħaddan mill-Madonna, San Ġużepp u xi ragħajja madwar. Dak ta' l-aħħar ċena nsibu lil Ġesù wieqaf qed iqarben wieħed mill-Appostli li jidhru mdawrin mal-mejda. Dawn iż-żewġ kwadri huma xogħol sabiħ ħafna x'aktarx ta' Zahra ġew restawrati madwar sentejn ilu minn Alfred Briffa.

Kwadru mportanti huwa dak ta' l-artal tal-Bon Kunsill, li juri lill-Madonna bil-Bambin, b'San Bastjan u Santu Rokku ma' ġenbha. Il-kwadru x'aktarx li huwa ta' Zahra ġie restawrat minn Alfred Briffa.

Il-Kwadru ta' l-Artal taċ-Ċintura juri l-Madonna bil-Bambin fi ħdanha biċ-ċintura jnewluha lil Santu Wistin u lil San Girgor li narawhom għarkobbtejhom kull naħa. Il-kwadru huwa mpitter fuq it-tila, magħmul minn R. Buhagiar ġie restawrat ftit żmien ilu minn Alfred Briffa.

Kwadru mportanti wkoll huwa dak li naraw fuq l-artal tal-kappellun tar-Ružarju. Bħala figura ċentrali naraw lill-Madonna bil-Bambin qed jagħtu l-kuruna tar-Ružarju lil San Duminku u lil Santa Katarina minn Siena filwaqt li madwar jidhru xeni tal-ħmistax il-misteru tar-Ruzarju. Dan il-kwadru huwa mpitter fuq it-tila, l-awtur tiegħu mhux magħruf, ġie restawrat ftit ilu minn Alfred Briffa.



L-artal tal-Madonna tar-Ružarju

Xogħol sabiħ ħafna huwa l-kwadru ta' San Ġużepp pittura fuq it-tila lli ġie mpitter minn Ġużeppi Calì, juri lil San Ġużepp flimkien mal-Madonna bil-Bambin fi ħdanha. Fuq naħa waħda fin-naħa t'isfel naraw figura għarkopptejha bil-knisja f'idejha filwaqt li fuq in-naħa l-oħra naraw anġlu żgħir nieżel u ktieb miftuħ. Il-figuri flimkien mal-kuluri sbieħ ta' dan il-kwadru juru l-kapaċità ta' Calì li bla dubju huwa wieħed mill-isbaħ xogħolijiet tiegħu. Ġie restawrat ftit ilu minn Alfred Briffa.



L-artal tal-Madonna taċ-Ċintura

Kwadru mportanti wkoll huwa dak tal-artal tal-Kunċizzjoni mpitter fuq it-tila minn żewġ artisti taljani Rinaldi u Avandero kopja ġenwina ta' Murillo li pinġewh qril il-Lago Maggiore u nxtara għal dan l-artal fl-1904. Il-Madonna hija l-figura ċentrali wieqfa b'idejha flimkien, bil-qamar u s-serp taħt riġlejha. Dan il-kwadru ġie restawrat m'ilux.

Il-kwadru ta' l-agunija xogħol fuq it-tila juri lil Ġesù msallab bejn żewġ ħallelin b'San Ġwann u d-Duluri ma' ġenbu u l-Madalena għarkobbtejha tgħannaq is-salib. Il-figuri huma perfetti speċjalment dik ta' Ġesù msallab. Dan il-kwadru pittru Lazzaro Pisani fl-1915, meta nxtara għal dan l-artal. It-restawr tiegħu sar madwar sena ilu minn Alfred Briffa.

Fil Kappellun ta' San Ġużepp nsibu l-kwadru tal-Karmnu xogħol fuq it-tila ta' Calì juri l-Madonna bil-Bambin bil-labtu f'idejhom, filwaqt li fin-naħa t'isfel naraw lil San Mikiel Arkanġlu.

Il-kwadru prinċipali tal-knisja huwa xogħol sabiħ ħafna fuq it-tila mpitter minn Ġużeppi Calì fl-1902; juri l-martirju ta' San Bartilmew li jidher marbut b'idejh 'il fuq, b'ħarstu lejn is-sema fejn jidhru xi anġli neżlin bil-palma tal-martirju f'idejhom. Fuq-

naħa waħda ta' San Bert naraw manigold iqaxxar il-ġilda tal-qaddis filwaqt li fuq in-naħa l-oħra jidher manigold ieħor bil-ħabel f'idu. Jingħad li l-personaġġi li jidhru fil-kwadru kienu nies mir-raħal li ppużaw lil Calì biex pinġihom fil-kwadru. Bla dubju ta' xejn dan il-kwadru huwa sabiħ ħafna u jolqot l-għajn hekk kif wieħed jidħol fil-knisja.



**Il-Kwadru ta' Sant'Anna u San Ġwakkin mal-Madonna**

Ta' min isemmi xi kwadretti żgħar ovali li kienu fil-knisja, speċjalment dak ta' San Ġużepp li jinsab imdendel fis-sagristija. Tnejn oħra huma ta' Sant' Anna u San Pankrazju xogħol sabiħ ta' Ġużeppi Calì. Kwadru żgħir ieħor, dak ta' San Alfons maħdum fuq it-tila, huwa pittura ta' Antonio Zammit.

L-erba' Evanġelisti li naraw taħt il-koppla mpittrin minn Ġużeppi Briffa juru lil San Ġwann, San Mattew, San Mark u San Luqa. Dawn ġew magħmulin fuq it-tila u mwaħħlin dirett mal-ġebla; saru madwar ħamsin sena ilu.

Dan il-ftit tagħrif li tajt dwar il-kwadri li naraw fil-knisja parrokkjali huwa parti mill-istorja u patrimonu tar-raħal u nispera li jkun ta' nteress għall-poplu Għargħuri kif ukoll għal dawk barranin li jiġu jżuru l-knisja tagħna fil-ġranet tal-festa ta' San Bert. Dawn il-kwadri huma teżori artistiċi u għandna nikkultivawhom u nibżgħu għalihom mill-aħjar.

**LINO WETTINGER**


# SALA PARROKKJALI

*GĦAL:*

*★ MAGĦMUDIJIET, ★ ENGAGEMENTS,*

*u OKKAŻJONIJIET OĦRA*

TEL: 442420